KLR 5/VI/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 11 ta’ Settembru 2009 fil-17.00.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u fuq proposta tas-Sindku saret minuta silenzju b’turija ta’ rispett għan-nuqqas ta’ Fr. Joshua Muscat li kien jaqdi dmiru fil-Parroċċa ta’ Nichelino u anke’ kien preżenti waqt l-iffirmar tal-ġemellaġġ. Dr. Portelli skuża ruħu talli ma setax jattendi għal-funeral minħabba l-fatt li kien imsiefer. Wara ġew approvati l-minuti ta’ l-aħħar laqgħa.

1. Mill-Minuti

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li fil-laqgħa li saret mal-Perita u wieħed mill-Enġiniera responsabbli miċ-Ċittadella Master Plan, ressaq il-proposta tal-Kunsill fuq il-foss taċ-Ċittadella li hu devolut lill-Kunsill. Din il-Perita u l-Enġinier jidher li qablu ma din il-proposta. Sa Diċembru li ġej ser ikun lest l-abbozz tasl-*master plan* u f’April ikun finali.

1.2 Inħarġet l-offerta sabiex jinxtraw kompjuters ġodda u *laptop* għall-uffiċċju tal-Kunsill.

1.3 Saret it-talba lill-MEPA sabiex jinħareġ il-permess biex jitneħħew is-siġar eżistenti ta’ Pjazza Indipendenza.

1.4 Fil-*Wine Festival* ipparteċipaw ma’ l-elf ruħ u l-Marsovin qed tikkunsidra li s-sena d-dieħla l-festival ikun imqassam fuq jumejn.

1.5 Neville Galea u Andrea Saliba ma jistgħux jipparteċipaw fis-sotto-kumitat taż-żgħażagħ. Il-presuni l-oħra li ġew porposti kollha aċċettaw li joffru l-parteċipazzjoni tagħhom.

1.6 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li s-Sindku ta' Nicehlino ser iżur Għawdex f'*weekend* minn Ottubru li ġej. Rigward Commacchio, is-Sindku ltaqa' ma kunsilliera min dan il-Comune u ġie propost li jżur il-post sabiex jinbeda l-proċess tal-ġemellaġġ. Il-membri qablu.

1.7 Dwar it-*traffic management camera* li ser issir fi Pjazza San Franġisk is-Sindku għarraf lill-preżenti li għad qed jistenna li permess biex dawn il-*cameras* jiġu mqabbda mad-dawl. Ġie suġġerit li ssir *traffic management camera* oħra fi Triq Enriko Mizzi minħabba l-ipparkjar illegali li jkun hemm.

**2. Mozzjonijet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet numri 23 sa 31 ġew imressaq minn Dr. Portelli.

Mozzjoni numru 23. Issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Nipproponi li Triq Sir Luiġi Camilleri u Triq l-Exchange jiġu *one way*. Dan minħabba l-fatt li kien hemm ilmenti minn diversi residenti fuq il-konġestjoni ta' traffiku li qed jinħoloq. Din il-konġestjoni probabilment ser tiżdied fil-futur għar-raġuni li qed isir xogħol ta' estensjoni ta' l-iskola sekondarja fi Triq l-Ewropa**.

Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-Awtorita' Dwar it-trasport (ADT) sabiex dawn it-torq isiru *one way* lejn Triq ir-Repubblika, anke' minħabba l-fatt li l-quddiem l-entratura prinċipali ta' l-iskola Ninu Cremona ser issir minn Triq l-Ewropa.

Mozzjoni numru 24. Issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nipproponi li jsir *water culvert* fit-tarf ta' fuq ta' Triq Ġanni Vassallo. Dan għar-raġuni li meta tagħmel ħafna xita qed jispiċċa jidħol ħafna ilma fil-garaxxijiet tar-residenti ta' din it-tirq. Barra minn hekk, f'din it-triq m'hemmx servizz ta' tindif tat-triq u dan għad-detriment ta' l-istess residenti. Għalhekk nitlob li dan is-servizz jiġi mogħti minnufih.**

Il-priorita' tax-xogħol tat-tarmac huma t-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar li magħhom tiġi nkluża wkoll Triq Ġanni Vassallo. Max-xogħol ta' bini ta' dawn it-toroq ser isiru wkoll il-*water culverts*. Hekk tissolva l-problema ta' l-ilma tax-xita li jgħaddu minn dawn it-toroq li huma għan-niżla. Dwar in-nuqqas ta' servizz ta' kennies fi Triq Ġanni Vassallo, il-Kunsill ser jgaħrraf lill-Koperattiva Ndafa Pubblika (KIP) u anke' tinżamm multa ta' dan in-nuqqas.

Mozzjoni numru 25. Issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Niproponi li jisr arblu bis-sinjal tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilitaż fejn il-*Health Centre* fi Triq Enriko Mizzi. Dan għaliex għalkemm hemm ir-*road marking* fl-art, qed isir parkeġġ bl-addoċċ fuqu. Kelli lment minn missier ta' tifel b'diżabilita' li mhux qed isib jipparkja meta jkollu bżonn jidħol il-*Health Centre*. Nżid ukoll li**

**għalkemm inġibdet l-attenzjoni tal-gwardjani lokali kemm-il darba minn din il-persuna, baqa' ma sar xejn.**

Il-membri qablu li tiġi ordnata t-tabella u jsir rapport biex ir-*road markings* jerġgħu jinżebgħu peress li ma tantx għadhom jidhru.

Mozzjoni numru 26. Issekondata mis-Sindku.

**Nipproponi l-bankina fil-bidu ta' Triq il-Kapuċċini li tiġi ftit l-isfel minn Salib it-Toroq fi Triq ir-Repubblika titranġa għax qedgħa fi stat ħażin. Fil-fatt ġejt avviċinat minn żewġ persuni li tfixklu u waqgħu. B'xorti tajba weġġgħu ħafif imma l-konsegwenzi setgħu kienu agħar.**

Billi Triq il-Kapuċċini hi arterja, il-membri qablu li l-Kunsill jagħarraf lid-Direttur Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'dan.

Mozzjoni numru 27. Issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Nipproponi li l-bozza ta' blokk L f'taċ-Ċawla H. E. titranġa għax ilha ma tixgħelx għal ħafna żmien. Il-bankina ta' quddiem l-istess blokk qedgħa fi stat ħażin u hemm bżonn li titranġa.**

Il-membri qablu li jsir ir-rapport lil Galea Curmi Eng. sabiex il-bozza titranġa. Ser issir *inspection* mill-kuntrattur tal-bankini sabiex jara x'għandha bżonn il-bankina u jagħtina stima.

Mozzjoni numru 28. Issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Nipproponi li ssir *road hump* quddiem l-entratura ta' Blokk IA f'taċ-Ċawla H. E. Dan għar-raġuni li qed isir sewqan b'veloċita' eċċessiva, bil-konsegwenza li jista' jittajjar xi ħadd speċjalment tfal u anzjani residenti.**

Din il-mozzjoni hi relatata ma mozzjoni numru 9 mressqa mill-kunsillier Buttiġieġ. Ir-*road hump* li ser issir issolvi l-prolema imsemmija f'mozzjoni 28.

Mozzjoni numru 29. Issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Permezz ta' din il-mozzjoni nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq żewġ problemi li qed jaffaċċjaw ir-residentoi ta' blokk KB li qed jirriżulta fi dħul ta' ħafna ilma tax-xita fil-*flats* t'isfel, cioe' (a) qed jinġema ħafna ilma fuq il-bankina tal-lemin ta' dan il-blokk; din il-problema tista' titranġa permezz ta' *gulley* u (b) il-katusi ta' fuq il-bjut ta' l-istess naħħa tal-blokk huma mirduma taħt il-bankina, għalhekk meta tagħmel ħafna xita mhux qedgħin ilaħħqu.**

Il-membri qalbu li din il-problema trid titranġa kemm jsita' jkun malajr.

Mozzjoni numru 30.  Issekondata mill-kunsillier Buttiġieġ.

**Nixtieq niġbed l-attenzjoni fuq id-dawl ta' ħdejn il-*playing field* taċ-Ċawla H.E. Hemm bozza minnhom li hi miksura u għalhekk hemm bżonn tinbidel. Konsegwentament, għal xi raġuni l-bozzoz l-oħra m'humiex jixgħelu.  Irrid infakkar li l-post huwa frekwentat regolarment mit-tfal u *ż-żgħażagħ* u huwa wieħed mill-ftit jekk mhux l-uniku post ta' rikreazzjoni għal dawn ir-residenti.**

Il-membri qablu li dan id-dawl jitranġa permezz tal-ħaddiem (*electrician*) li ser jintbgħat mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

Mozzjoni numru 31.  Issekondata mis-Sindku.

**Nipproponi li titranġa l-bankina ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II li parti minnha qiegħda fi stat ħażin ħafna u ta' periklu għar-residenti ta' dawk l-inħawi speċjalment dawk anzjani.**

Il-membri qablu li dan jiġi rappurtat lill-Gvern Ċnetrali peress li Triq Papa Ġwanni Pawlu II hi arterja**.**

Mozzjonijiet numri 32 sa 34 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ.

Mozzjoni numru 32.  Issekondta mill-kunsillier Portelli.

**Nipproponi biex quddiem il-*maisonettes* ta' Triq it-Tabib Anton Tabone li hemm quddiem Josies Supermarket issiru *road markings* (*keep clear)* quddiem kull entratura tad-djar biex il-karozzi pparkjati ma jkunux qrib xulxin . Dawn qed joħolqu problema għar-residenti peress li ma jkunux jistgħu joħorgu għat-triq speċjalment min ikun bil-*pram*. Nipproponi li wara li jkollna l-permess ta' l-ADT jagħmilhom il-Kunsill biex ma ndumux nistennew il-Ministeru għal Għawdex.**

Il-membri qablu li l-Perit jintalab jagħmel pjanta sabiex tiġi approvata mill-ADT.  Wara l-approvazzjoni din l-istess pjanta tintbagħat lit-Taqsima tat-Toroq sabiex jinżebgħu dawn ir-*road markings.*

Mozzjoni numru 33.  Issekondata mill-kunsillier Debricnat.

**Nipproponi li ssir bankina fi Triq Għajn Qatet quddiem blokk *flats* faċċata ta l-isptar. Dan peress li qed jidħol l-ilma f'dawn il-*flats* anke' minħabba l-fatt li t-triq għada mhix bit-tarmac. Din il-bankina tkun ta' lqugħ għal dan il-bini.**

Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jitressaq lill-Minsiteru għal Għawdex peress li Triq Għajn Qatet hi arteja prinċipali.

Mozzjoni numru 34.  Issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nipproponi biex din l-istess triq tingħata t-tarmac peress li l-maġġor parti taggħa nbniet.**

Id-deċiżjoni hi bħal dik ta' mozzjoni numru 33.

## 3. Offerti – Servizzi Professjonali

Is-Sindku ssuġġerixxa li jinħarġu offerta għas-servizzi tal-Perit, *Accountant* u Avukat. Il-membri qablu ma dan u għandu jintalab lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jekk hemmx speċifikazzjonijiet standard għal dawn is-servizzi.

## 4. Pjazza San Ġorġ

Is-Sindku għarraf lill-membri bl-applikazzjoni PA 01255/029 li saret mill-Kunsill preċedenti fejn ġiet emendata l-parti ta' l-imwejjed fi Pjazza San Ġorġ u titneħħa t-tarġa ta' taħt il-post ta' fejn ser tiġi l-funtatna.  Din skond dokument A anness.  Il-membri qablu u l-Perit għandu jiġi mgħarraf biex imexxi din l-applikazzjoni.  Is-Sinkdu għarraf lill-membri li ser isir pagament ta' €20,000 lill-A.F. (Marble Works) Ltd. li jkopru parti mid-depożitu li l-Kunsill kellu jagħmel qabel jinġab il-materjal għal-kisi tal-pjazza.  Il-membri qablu.  Is-Sindku għarraf lill-membri li dawn il-ħlasijiet qed isiru mingħajr preġudizzju għall-*internal audit* li qed isir u għad-drittijiet spettanti lill-Kunsill.

Korrispondenza mingħand Antoine Vassallo f'isem il-Fondazzjoni Belt Victoria.  Il-Kusnill ġie mgħarraf li din il-fondazzjoni ħarġet l-offerta sabiex jinbeda x-xogħol tal-proġett tal-mużew tal-Bażilika ta' San Ġorġ.  Fir-reklam li deher fil-ġażżetta The Sunday Times tas-6 ta' Settembru 2009 saret premura li min jieħu l-offerta tax-xogħol irid jikkunsidra li jrid jaħdem f'toroq dojoq u jgħatti l-art fejn ikun jaħdem sabiex jiġi evitat li ssir ħsara lill-wiċċ tat-triq.  Għandu wkoll jintuża makkinarju żgħir.  Ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-makkinarju lill-wiċċ tat-triq tird tissewwa u titħallas għas-spejjes tal-kuntrattur u għas-sodisfazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Il-membri qablu li jsir avviż bid-dettalji kollha tat-traffiku u l-ipparkjar fi Pjazza San Ġorġ.  Dan għandu jintbgħat mal-bullettini tal-parroċċi u jixxandar fir-radjijiet tagħhom.

## 5. Pjazza Indipendenza

Is-Sindku propona li tibda' ssir attivita' fi Pjazza Indipendenza kull nhar ta' Ġimgħa li fiha ninvolvu s-sidien tal-ħwienet tax-xorb.  Hu propona li jkun hawn mużika *live* permezz ta' *band* lokali li ma tantx tiġi tiswa' flus.  Fil-bidu l-Kunsill jibda' jaqsam l-ispejjes mas-sidien tal-ħwienet u finalment jekk l-attivita' tirrnexxi, jista' jgħati l-każ s-

sidien tal-ħwienet jibdew jiffinanzjawha kollha huma. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment u ser issir laqgħa mas-sidien ta' dawn il-ħwienet. Is-Sindku sostna illi dan għandu jkun proġett pilota għall-inħawi oħra. Il-kunsillier Buttiġieġ semma l-possibilita' li attivitajiet simili jiġu organiżżati fi pjazzez oħra bħal Pjazza San Franġisk, Pjazza Sant Wistin u Pjazza Savina. Il-membru qablu ma dan is-suġġeriment u din il-possibilita' tiġi esplorata wara li tiġi organiżżata dik ta' Pjazza Inidpendenza.

## 6. Proġetti EU

Is-Sindku ressqa tlett proġetti li l-Kunsill jista' japplika għalihom mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Hu spjega u ta l-informazzjoni neċessarja rigward dawn il-proġetti. L-applikazzjoni tal-proġett ta' l-enerġija alternattiva ser jieħu ħsiebha l-kunsillier Schembri. Rigward iż-żewġ proġetti l-oħra, il-membri qablu li jintbgħatulhom id-dettalji permezz ta' *email* sabiex jevalwawhom u hekk tkun tista' tittieħed l-aħjar deċiżjoni. Dawn id-dettalji jinsabu f'dokument B anness.

## *7. Week End Break*

Il-membri qablu li jiġi organiżażt *week end break* għar-residienti Rabtin bejn is-16 u t-18 ta'Ottubru 2009. Id-dettalji huma skond dokument Ċ anness.

## *8. Water Culverts*

Is-Sindku ssuġġerixx li jsir pjan bl-għajnuna tal-Perit biex isiru *water culverts* li jkopru t-Telgħa tal-Belt, Triq il-Kastell, Pjazza Sabina, Pjazza San Ġorġ (li diġa' lesti kemm jiġu mqabbda meta jitkomplew il-*water culverts*), Triq l-Arċipriet Saver Cassar, jgħaddu minn Triq l-Assunta għall-Wied tal-Lunzjata. Il-Perit għandu jħejji stima ta' ta dan ix-xogħol kollu sabiex jintalbu fondi mill-MEPA mis-CPPS. Il-membri qablu unanimament ma din il-proposta.

## 9. Tabella Entrata tar-Rabat

Is-Sindku suġġerixxa sabiex isir tabella li turi l-entrata tar-Rabat u l-kliem ta' fuqha jkun jgħid bażikament hekk:-"Welcome to Victoria, The Capital City of Gozo". Għandha titneħħa dik ta' l-injam li tinsab fl-ewwel *roundabout*. Is-suġġeriment hu li dawn isiru fi Triq l-Imġarr, fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, fi Triq ta' Sannat u Triq Marsalforn. Il-membri qablu mal-proposta.

Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-preżenti bl-applikazzjoni tal--MEPA (PA 2807/09) li saret minn naħħa ta' l-ADT sabiex id-dar antika li tinsab fi Triq l-Imġarr kantuneira ma Triq l-Arċisqof Pietru Paċe titwaqqa' u terġa' tinbena kif kienet u bl-istess ġebel f'post ieħor fl-istess triq. Dan minħabba l-bini mill-ġdid ta' Triq l-Imġarr minn naħħa tal-Gvern Ċentrali

## 10. *Litter* Bins

Il-membri qablu li jinxtraw *litter bins* ġodda pariġġ dawk li diġa' għandna fi Triq Repubblika. Dawn biex jiżdiedu ma ta' Triq Repubblika u f'postijiet oħra prominenti bħal-Triq Putirjal. Il-*litter bins* jistgħu jiġu finanzjati mill-€20,000 li ngħataw lill-Kunsill fuq l-Iskema Fondi Speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Il-preżentazzjoni ta' l-għoti tal-fondi saret fis-7 ta' Settembeu 2009. Il-membri qablu ma dan.

## 11. Latrini Pubbliċi

Dan il-kuntratt dalwaqt jagħlaq u s-Sindku suġġerixxa li jiġi diskuss fid-dettall qabel jerġa' jinħareġ. Il-membri qablu li l-offerta tinħareġ latrina latrina u tiġi studajta l-possibilita' li tingħalaq waħda minnhom. Ġie suġġerit li l-latrini jistgħu ikunu sorveljati u mnadfa mill-ħaddiema ta' l-IPSL jew skemi ohra li jipprovdi l-Gvern lill-Kunsill. Il-ħin li jagħmlu *extra* jitħallsu tiegħu bħala *overtime*. Rigward il-latrina tan-nisa li tinsab fil-Banca Giuratale, is-Sindku suġġerixxa li meta tingħata kamra isfel bħala uffiċċju *front office* tal-Kunsill, din il-latrina tkun tista' tingħata lill-uffiċċju tal-Kultura minflok il-kċina t'isfel. Din il-kċina mbgaħd tkun tista' ssir *lift*. Il-latrina li tinsab maġenb il-Banca ssir kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel.

## 12. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiva resqet korrispondenza mingħand:-

12.1 l-ADT,

a) biex isiru parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-djar ta' Salvu Fenech ta' 'Qalb ta' Ġesu'', 32, Triq San Duminku u ta' Emanuel Mercieca, 42, Triq Repubblika. Għandha timtela l-formola u tintbgħat lill-ADT;

b) biex isir parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Santa Martha Complex fi Triq tal-Far,

ċ) biex teħel tabella 'Except Vajrinġa Street Residents' waqt l-egħluq tat-triq għal-użu tat-tfal ta' l-iskola primarja;

d) biex isir *double yellow line* fi Triq Vajrinġa mill-kantuniera ta' Pjazza San Franġisk sa maġenb il-garaxx tad-dar 'San Giorgio';

e) biex isiru *rumble strips* fi Triq l-Assunta. Il-membri qablu li jsiru erbgħa quddiem il-ħanut tal-kompjuters;

12.2 il-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li sal-31 ta' Awwissu 2009, il-fond ta' l-EIPP hu ta' €88,582, tal-UIF €25,170.41 u tas-CPPS jammonta għal-€660,568;

12.3 sid il-Maldonado Bistro ta' Triq Mons. Luiġi Vella fejn talab permess sabiex issir attivita' f'din it-triq il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru 2009 bejn it-20.00 u 12.30. Il-membri qablu li jinħareġ il-permess;

12.4 ic-Citadel Insurance fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fuq it-talba li saret tal-bankijiet u qsari miksura fi Pjazza J. F. Kennedy, ser jinġabru €502.96;

12.5 Mr. Clean fejn l-istima tiegħu biex jaħsel Pjazza San Ġorġ hi ta' €141.60;

12.6 Venmar Pest Control fejn kienu l-unika kumpanija li tat stima sabiex jitbexxu s-siġar ta' Pjazza Indipendenza. L-istima hi ta' €41.30 għal-kull siġra;

12.7 id-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn inħareġ il-permess sabiex tiġi restawrata n-niċċa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jitlob dettalji mill-Fondazzjoni Wirt Għawdex dwar min jista' jagħmel dan ir-restawr;

12.8 l-istaff tal-Kunsill rigward il-ftuħ ta' l-uffiċċini tal-Kunsill kull nhar ta' Sibt. Is-Seg. Eżekuttiva m'aċċettatx li tidħol is-Sibt u l-*Assistant Principal* lesta li tidħol is-Sibtijiet basta dawn jitqassmu ma xi ħadd ieħor. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu bżonn jikkunsidra li jdaħħal skrivan *full time*. Dan il-*full timer* ilu nieqes mill-2003. Wara diskussjoni qasira l-membri unanimament qablu li jinbeda l-proċess sabiex jiġi mpjegat skrivan *full-timer*. Dan l-iskrivan irid ikun lest li jaħdem is-Sibt fil-ħin mitlub f'Memo 46/2009.

**13 Materji oħra**

Il-membri qablu li :-

13.1 tintbgħat ittra lill-organiżżaturi tal-Wirja tal-Biedja u Snajja 2009 minħabba l-fatt li l-Kunsill kellu rapporti li meta ntuża l-grawnd Leli Farruġia għal din il-wirja tħalla ħafna ħmieġ taż-żwiemel, li l-istess ħmieġ inġabar mill-membri tal-Victoria Hotspurs F. C. u sa l-24 ta' Awwissu kienu għadhom ma tneħħewx it-tined li ntużaw;

13.2 jsir *double yellow line* quddiem id-*dirve-in* ta' 'Nashville Tennesse', Triq Borġ Geritu. Dan minħabba l-fatt li qed jipparkjaw quddiem l-entratura ta' dan il-garaxx;

13.3 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex Triq Borġ Geritu issir *one way* minn naħħa ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

13.4 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex issir *pedestrian crossing* quddiem 56, Triq Tabib Anton Tabone;

13.5 titranġa bankina quddiem 7, Triq il-Mitħna;

13.6 issir attivita' fi Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. L-ispejjes m'għandhomx jaqbżu l-€120;

13.7 jiġi rrappurtat lill-MEPA sabiex jittella' l-ħajt ta' tmin filati f'*area* mitluqa' fi Triq ta' Wara s-Sur kantuniera ma triq Wied is-Seqer. Din hi propjeta' tal-Gvern;

13.8 jinbeda proċess biex isir patt ta' ħbiberija mal-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta;

13.9 jintalab il-peremss tal-MEPA sabiex jitneħħew is-siġar taċ-Ċawsli li hemm fis-*central strip* ta' Triq it-Tabib Anton Tabone u minflokhom jitkompla is-siġar tal-palm;

13.10 jintalabu d-dettalji mingħand il-gwardjani lokali fuq jekk ingħatawx ċitazzjonijiet lill-vetturi tqal li jgħaddu minn Triq Sir Paul Boffa;

13.11 jiġi rappurtat lill-Kopretattiva Ndafa Pubblika (KIP) Għawdex li l-litter bins mhux qed jitnaddfu minn barra;

13.12 għas-sena d-dieħla jiġi suġġerit li l-attivita' li ssir f'Awwissu mill-Fondazzjoni Arka fil-parkeġġ il-kbir, minflok issir fil-*Bus Terminus*. Dan sabiex ma jkunx hemm nuqqas ta' parkeġġ. L-organiżżaturi għandhom ukoll jiġu nfurmati sabiex l-iskart ma jħalluħx fuq il-post kif isir is-soltu. Dan għandu jinġabar malli tispiċċa l-attivta';

13.13 jsir xoħol ta' tindif, tneħħija ta' ġebel u twittija fir-ramel fil-grawnd Leli Farruġia. L-orħos stima hi ta' Sunny Vella li tammonta għal €660 Vat inkluża;

13.14 tiġi studjata l-possiblita' li ssir attivita' fiċ-Ċittadella fis-sajf li ġej. Din bl-għajuna ta' Amina Contin li hi taljana li qed tipproponi attivita' bl-isem 'Gozo: L'Isola Magica, Estate 2010.' Din is-Sinjura ser tħejji stima ta' kemm tista' tqum din l-attivita'.

13.15 Fl-aħħar tal-laqgħa l-kunsillier Buttiġieġ staqsa jekk il-posizzjoni tas-Soċjeta' Fialrmonika Leone fir-rigward tiegħu għadiex l-istess. Buttġieġ qal ukoll li l-Kunsill ma rċeviex korrispondenza minn naħħa ta' din is-Soċjeta' u dan iffisser li din is-Soċjeta' għadha bl-istess fehma. Hu għarraf lill-preżenti li ma rċeviex invit għal-opra li ser issir f'Ottubru li ġej. Il-kunsillier Schembri ġibed l-attenzjoni li fil-minuti tal-laqgħa KLR 41/VI/2008 datata 5 ta' Diċembru 2008, punt numur 1.1 hemm imniżżel li s-Soċjeta' Filamonika Leone bgħatet risposta fejn għarrfet lill-Kunsill bil-posizzjoni tas-Soċjeta' fir-rigward tal-Kunsillier Buttiġieġ. Wara nuqqas ta' qbil bejn dawn iż-żewġ kunsilliera, is-Sindku ddeċieda li jxolji l-laqgħa sakemm jiġu ċċarati l-affarijiet.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-erbgha 14 ta' Ottubru 2009.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiva |